MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2010

Numru. 87/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL MARIE CAMILLERI**

**KONTRA**

**BAKAR BELAFIA AMIN ta' 30 sena mit-Togo, imwieled Togo, residenti f'Hal Far, Centru Miftuh, Hal Far, bin-numru tal-pulizija 07M – 007;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **BAKAR BELAFIA AMIN** li gie akkuzat talli:

F'Ottubru, 2009 u fix-xhur ta' wara kif ukoll ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, ghamel delitt billi mbarka minn Malta minghajr ma kellu passaport u minghajr ma ta lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u

dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u mehtieg, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li moghti l-kunsens mill-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, l-imputat iddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri;

Rat l-ammissjoni registrata mill-istess imputat fis-seduta ta’ nhar it-23.02.2010, u dan wara li gie moghti zmien xieraq mill-Qorti sabiex jahseb fuq l-istess ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 28 tal-Kapitolu fuq ammissjoni qieghda ssib lill-imputat hati, u tikkundannah ghal tliet (3) xhur prigunerija effettiva.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------